PDF Compressor Pro






Martin Vassallo (xellug), Charles Grima u Joanne Azzopardi jisimgħu d-diskors tal-Onor. Givoanna Debono (fin-nofs) waqt il-ftuħ tal-wirja tal-ħut li saret fir-Rabat Għawdex

# Wirja tal-Ħut

Għad-disa' sena konsekuttiva, l-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut tellgħet il-wirja annwali tagħha fis-sala tal-eks skola sekondarja Ninu Cremona fir-Rabat Għawdex. F'din il-wirja ħadu sehem għaxar membri li flimkien daħħlu tmintax-il akkwarju u żewġ vaski żgħar. Il-wirja inftehet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

Saru diskorsi tal-okkażjoni minn diversi persuni fosthom is-Segretarju tal-Għaqda Martin Vassallo, il-President Charles Grima u mill-Ministru Giovanna Debono. Il-Wirja tbierket minn Dun Gerard Buhagiar li barra li hu membru u d-direttur spiritwali tal-Għaqda, hu wkoll ir-Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.

L-ewwel post din is-sena ngħata lill-vaska tal-Koi ta' **Joe Cefai** mix-Xewkija. It-tieni post ħadu **Leon Muscat** bl-akkwarju tiegħu bil-Malawi. It-tielet post ittieħed minn diversi persuni minħabba li ġabu l-istess ammont ta' punti. Dawn kienu **Ruth Fiteni** mix-Xagħra, **Peter Attard** u **Leon Muscat** it-tnejn min-Nadur, **Joseph Cefai** mix-Xewkija, u **Joanne Azzopardi** minn Sannat.



Joe Cefai jirċievi l-premju tiegħu mingħand Giovanna Debono wara li rebaħ l-ewwel premju bil-vaska tal-Koi

Il-kumitat tal-Għaqda ħass li kellu juri l-apprezzament tiegħu lejn diversi membri Għawdxin għax-xogħol tagħhom qabel u waqt il-wirja sabiex din tkun suċċess. Tifkiriet ingħataw lil Peter Attard, George Scerri, Leon Muscat, Joanne Azzopardi, Sean Said u Charles Pisani. Ingħatat ukoll tifkira lis-Surmast tal-iskola Dr. Francis Abela talli kull sena jaċċetta li tittella' din il-wirja fis-sala tal-iskola. Waqt il-wirja ittella' ukoll akkwarju bħala lotterija u dan intrebaħ minn Julia Zammit minn Sannat.



Membri Għawdxin tal-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut flimkien mal-President tal-Għaqda Charles Grima (fin-nofs) wara li ngħataw il-premjijiet

## MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





L-Onor. Giovanna Debono tagħti l-premju ta' apprezzament lil Peter Attard wara li kien hu li ħa ħsieb li jipproduċi l-poster tal-wirja għal din is-sena



Leon Muscat u ibnu Matthias jirċievu t-tazza mingħand Onor.Giovanna Debono. Leon ħa t-tieni post b'akkwarju bil-Malawi



Mil-lemin: Charles Grima, President tal-Għaqda juri lill-Onor. Giovanna Debono u liċ-ċkejkna Kristina Scerri l-akkwarju bil-Frontosa, li kien wieħed mill-akkwarji li kien għall-wiri din is-sena

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***